MS Bulletin

Ħarġa numru 25 - Settembru 2009

# Rapport ta' Ħidma għall-2008

Is-Soċjetá twaqqfet fil-25 ta' Ottubru 1997 f'St Philip's Hospital. Għaddew ħdax-il sena minn dak in-nhar u s-Soċjetá tagħna imxiet 'l quddiem ħafna b'għajnuna tal-membri tal-kumitat, membri tas-Soċjetá, benefatturi u nies professjonali, li kollha taw l-għajnuna tagħhom.

## L-GĦan

L-għan tas-Soċjetá hu li tgħin b'diversi manjieri lil dawk li huma milquta bil-kundizzjoni tal-MS u lil familjari tagħhom. Is-Soċjetá torganizza laqgħat għall-membri biex tagħti l-aħħar żviluppi mediċi fuq il-kundizzjoni. Tlaqqa' soċjalment il-membri u l-famijari tagħhom kważi kull xahar u ħafna drabi għal dawn il-laqgħat, tistieden kelliema esperti, fuq suġġetti diversi li jolqtu l-persuni bl-MS u l-familji tagħhom. Innotajna ukoll li l-awareness fuq l-MS qegħda tiżdid bejn it-tobba u paramedici għax fil-fatt persuni b'din il-kundizzjoni qegħdin ikunu magħrfa bis-Soċjetá tagħna u dawn jagħmlu kuntatt magħna mill-ewwel. Hemm persuni li meta ikollna laqgħat japprezzawhom ħafna u spiss jattendu membri li qatt ma nkunu ntqajna magħhom. Dawn il-membri bil-preżenza tagħhom jgħinuna inkomplu fix-xogħol volontarju tagħna.

## Emendi Ġodda fil-Statut

L-emendi fl-iStatut huma dawn:

**i) Kompożizzjoni**: -

Il-Kumitat tas-Soċjeta għandu jikkonsitti fi President, Viċi President, Teżori., Segretarju u mhux inqas minn ħames membri.

**ii) Sħubija**

Is-Segretarju għandu jerreferi lil membru ġdid lil Kumitat Eżekuttiv u l-Kumitat Eżekuttiv għandu id-dritt li japprova jew ma japprovax l-applikazzjoni mingħajr ma jagħti raġuni. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jitlob lil kull membru ġdid biex jiċċara il-pożizzjoni tiegħu/ tagħha jekk il-Kumitat Ezekutiv jaħseb li jista' jkun hemm konflitti ta' interessi meta jissieħeb fis-Soċjetá. Id-deċiżjoni aħħarija għandha tkun tal-Kumitat Eżekuttiv.

**iii)** Membru jista' jiġi mneħħi mill-Kumitat Eżekuttiv jekk jaħseb li l-membri m'għandux aktar l-aħjar interessi għal-membri u s-Soċjetá.

**iv) Servizzi offruti mis-Soċjetá**

Membri bil-Multiple Sclerosis li jħallsu il-miżata ta' darba f'sena huma intitolati li jirċievu servizzi offruta mis-Soċjetá. Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata ma jisgħux jibbenifikaw minn dawn is-servizzi.

## Laqgħat ta' kull xahar

Is-Soċjetá torganizza laqgħa kull xahar ġewwa il-Hospice Centre, Balzan. Fost il-kelliema mistiedna kellna il-pjaċir li nilqgħu magħna lin-nutritionist Ms Lucienne Pace, Dr Jean Pierre Giorgio, Konsulent specjalizzat fil-Psikjatrija, il-podoloġista Mr John Debono u lil Dr Norbert Vella, Kunsulent specjalizzat fin-Newrologija li

Il-Kumitat

| | |
|---|---|
| Ms Louise Gusman, President | Mr Kenneth Muscat, Viċi President |
| Ms Rose Grech, Segretarja | Ms Eve Sammut Alessi, Teżorier |
| Ms Mary Buħaġiar, Membru | Mr Emanuel Buħaġiar, Membru |
| Ms Connie Carabott, Membru | Mr Leslie Agius, Membru |
| Ms Margaret Abela, Membru | |

Il-kumitat iltaqgħa sitt darbiet mill-aħħar laqgħa Annwali Ġenerali.
Ms Donna Brincat irriżenjat mill-kariga ta' teżoriera minħabba raġunijiet personali u, bl-approvazzjoni unanimu tal-kumitat Ms Eve Sammut Alessi, ir-rappreżentanta tas-Soċjetá fuq il-Malta Health Network, ħadet il-kariga ta' teżoriera.
Waqt laqgħa li saret f'Ġunju, bl-approvazzjoni tal-Kumitat u l-membri reġistrati preżenti, ġie emendat l-iStatut tas-Soċjetá biex fost tibdiliet oħra żidna membru fil-Kumitat. Margaret Abela ingħaqdet mal-Kumitat nkarigata mill-"collecting tins" biex niġbru fondi għas-Soċjetá.

spejgalna fid-dettall fuq l-aħħar riċerki fuq l-MS u l-MRI.

## Kummissjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Voluntarji

Is-Soċjeta laqgħet l-istedina biex tapplika bħala Organizzazzjoni Voluntarja u f'Beltissebħ nhar it-12 ta' Awwissu 2008, Ms Rose Grech irċeviet ċ-ċertifikat mill-Kummissjoni tal-Organizzazzjonijiet Voluntarji.

## Attivitajiet ta' Fundraising

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2008 fil-grounds ta' MCAST Raħal Ġdid, ġie organizzat Fundraising BBQ minn Ms Louise Gusman u Mr Saviour Grech u l-istaff tiegħu b'risq is-Soċjetá tagħna. Waqt dan il-BBQ kien hemm show imtella' minn Pierre Bonello u t-team tal-Bronks Productions.

Fl-20 ta' Settembru Mr & Mrs Lacey ta' Irish Bar, f'San Pawl il-Baħar organizzaw fil-Bar tagħhom attivita u l-flus li nġabru ingħataw lis-Soċjetá tagħna. Is-somma miġbura kienet ta' €220 u LM22.

Fit-8 ta' Ottubru 2008 bl-inizjattiva ta' Ms Margaret Abela, membru tal-kumitat tas-Soċjetá u bintha Alexia għalliema fl-istess skola, ibbenefikajna mill-attivita' tal-Fund Raising tal-Kullegg Sta Theresa tal-Bniet fl-Mrieħel.

Għal din l-okkazzjoni ttellgħet wirja rigward materjal li offriet is-Soċjetá. Ms Rose Grech u Ms Margaret Abela kellmu lill-istudenti waqt l-assembly dwar l-MS u s-servizzi li toffri s-Soċjetá.

Fil-ħmistax ta' Novembru , Ms Abela reġgħet kienet mistiedna biex titkellem ma' l-istudenti fuq l-esperjenza li tgħaddi minnha persuna bl-MS, u fuq il-ħidma li twettaq is-Soċjetá u l-għajnuna li jirċievu persuni bl-MS mis-Soċjetá.

## Strina 2008

Għal darba oħra din is-sena, erġajna bagħtna l-applikazzjoni biex nibbenifikaw mill-Istrina. Fil-25 ta' Ottubru, il-President Louise Gusman u s-Segretarja Rose Grech dehru quddiem il-Bord tal-Istrina. Wara ħafna mistoqsijiet konsistenti mill-bord fuq il-proposti tagħna, irċevejna l-ittra li is-Soċjetá tagħna għal darb' oħhra ma ntagħżlitx. Il-proposti tagħna kienu li:-

a) nżidu mal-fond li għandna biex nixtru post għas-Socjeta',

b) ntellgħu grupp żgħir tal-membri tas-Soċjetá bl-MS u carer tagħhom Lourdes,

c) nipprovaw ngħinu lill-familji milqgħuta bl-MS u ngħinu ftit mill-izpejjez li għandhom biex iħallsu l-privatijiet tat-tfal

d) li nżidu l-fondi għas-servizz tal-fizjoterpija, masseur or psikoterapija.

## Rapporti Internazzjonali

Kif dejjem għidna, biex intejbu l-għajnuna lil membri waqt li nżiedu il-finanzi tas-Soċjetá tagħna u fl-istess ħin nitgħallmu, hemm bżonn li l-membri jattendu għall-Konferenzi li jsiru barra minn xtutna.

1. L-ewwel Konferenza ta' EMSP li stajna nattendu wara li akkwistajna grants kienet f'Reyklavik, l-Islanda bejn it-22 u 25 ta' Mejju. Għal din il-Konferenza attendew Mr Alastair Farrugia u Mr Joe Tabone. Biex innaqqsu l-ispejjeż għas-Soċjetá huma waslu Iceland, ftit wara li spiċċat il-laqgħa tal-kunsill tal-EMSP u għalhekk, fuq suġġeriment ta' Christoph Thalheim, għażilna lil Robert Schlatau mill-Austria biex jivvota għalina fil-kunsill.

2. Hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil Mr Joe Tabone talli mhux biss inrnexxielu jġib biljetti tal-ajru mraħħsa mill-Air Malta imma rnexxielu wkoll iġib sponsorship mill-Bord ta' Farsons li tawna l-kumplament tal-flus għall-biljetti. Għalhekk bil-grants mill-EMSP u din l-għajnuna mill-Air Malta u Farsons, is-Soċjetá ħarget ftit li xejn flus. Prosit ħafna Joe.

## Il-Ħdax-il Anniversarju mit-Twaqqif tas-Soċjetá

Wara s-suċċess tal-mawra tagħna f'Għawdex is-sena l-oħra, ddeċidejna li niċċelebraw il-ħdax-il anniversarju f'Għawdex. Għalhekk erġajna kkuntatjajna lil membru tagħna Sandy, minn Għawdex li ħadet ħsieb l-arranġamenti kollha. Ta' dan minn hawn bil-qalb nirringrazzjawha.

Iltqajna ċ-Ċirkewwa biex irkibna il-vapur, li għal darba oħra kien issussidjat mil-Gozo Channel. Kif wasalna morna l-knisja taċ-Ċawla r-Rabat għal quddiesa ċċelebrata minn Fr Charles. Wara morna nieklu f'Smugglers's Restaurant ġewwa Marsalforn f-atmosfera familjari ħafna. Is-Socjeta' issussidjat bħas-soltu parti kbira mil-ispejjes għal membri bl-MS.

## Laqgħat Importanti

Il-President Louise Gusman, Mr Leslie Agius u Mr Godfrey Leone Ganado kellhom laqgħa ma rapprezentanta tal-Malta Charities Association, Ms Tina Rapinett. Permezz ta' din il-laqgħa u korrispondenza wara, ġejna imwegħda li l-board tal-MCA se

jikkunsiddrawna biex nibbenifikaw mill-Fundraisning tagħhom għas-sena id-dieħla.

F'April Louise Gusman u Rose Grech kienu mistiedna fl-istazzjon tal-PBS fil-programm ta' John Bundi biex jitkellmu fuq is-Soċjeta u fuq il-Multiple Sclerosis. Dan il-programm kien milqugħ tajjeb ħafna minn bosta membri tas-Soċjetá u telespettauri li rawh. Fil-fatt avviċinawna xi membri ġodda li kienu għadhom kif saru jafu li għandhom l-MS.

Il-President Louise Gusman, l-Vici President Kenneth Muscat u Rose Grech, Segretarja nhar il-Gimgħa 16 ta' Mejju attendew għal-laqgħat ma' Segretarju Parlamentarju l-Onorevoli Dr Joe Cassar fejn ipprezentawlu memorandum sabiex inkunu nistgħu nagħtu faċilitajiet' u servizzi aħjar għal membri bl-MS. Il-proposti kienu dawn:

a) Assistenza fil-penzjoni tal-mard għal dawk li jbatu mill-Multiple Sclerosis u li jkollhom jieqfu mix-xogħol;
b) Multidisciplinary Unit specifikata għal persuni bl-MS;
c) Introduzzjoni ta'għajnuna f'assistenza personali lil dawk il-persuni li ma jkollhomx minn jieħu ħsiebhom, jew biex itaffu ftit l-istress tal-carers;
d) Għajnuna mill-Ministru tas-Saħħa biex inkunu nistgħu inġibu kelliema barranin għal-konferenzi
e) Nurses specjalizzati fuq l-MS;
f) Jerġa jibda jitħaddem is-servizz ta' Konsulent specjalizzat fin-Newrologija minn Malta biex jitla' jara pazjenti Għawdxin;
g) Awareness u rikkomandazzjoni mit-tobba għas-Soċjetá lil persuni li jkunu għadhom kif ġew mgħarfa li għandhom l-MS;
h) Possibilita' li l-fizjioterapija u l-occupational therapy tibda' tiġi offruta mill-gvern id-dar; i) Pazjenti li huma fuq il-beta-interferon, Avonex, etc jibdew jiġbru it-trattament miċ-Ċentru tas-Saħħa minflok minn l-isptar Mater Dei.

L-Onorevoli Dr Cassar wegħdna li jagħti l-għajnuna kollha tiegħu safejn jista' għaliex ħafna mill-proposti li għamilnilu ma jaqgħux taħt l-inkarigu tiegħu iżda taħt l-Onorevoli Ministru John Dalli u tas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Mario Galea.

Fl-14 ta' Mejju 2008, Ms Connie Carabott attendiet laqgħa għar-Reprezentanti ta' NGO's ma' Evarist Bartolo, deputat fil-Parlament fejn ikkummentat fuq l-iskariġ li għandu pazjent biex imur iġib il-mediċina mill-isptar, etc.

Din is-sena ħassejna l-ħtieġa li nifthu kont ma' l-HSBC, għalhekk iltqajna ma' waħda mill-Managers tal-Bank, Ms Elizabeth Vella biex inkellmuha biex is-Soċjetá tagħna tibbenifika mill-fondi li HSBC jagħtu lil organizzajonijiet volontarji. Għal din il-laqgħa attendew il-Vici President Kenneth Muscat u s-Segretarja Rose Grech. Wara din il-laqgħa għamilna proposta biex nieħdu xi wħud mill-membri tas-Soċjeta l-Lourdes. S'issa għadna ma ħadniex risposta.

Fit-2 ta' Lulju, Rose Grech marret fuq il-programme ta' Simone Cini fuq One TV, u fost l-oħrajn tkellmet fuq is-servizzi li tagħti s-Soċjetá u l-ħtieġa għal fondi. Dan il-programm kien milqugħ tajjeb ħafna minn bosta membri tas-Soċjetá u telespettaturi li rawh. Bħala parti mill-isforzi tas-Soċjetá biex nakkwistaw post, tlabna biex niltaqgħu ma Fr Anton Gouder, pro-Vigarju Ġenerali. Peress li l-President kienet imsiefra dak in-nhar ta' l-appuntament, attendiet għal-laqgħa is-Segretarja. Ms Grech fissret lil Fr Gouder il-ħtieġa kbira li s-Soċjetá jkollha post għalija fejn ikunu jistgħu jinġabru l-membru u ikunu nistgħu niffonzjonaw aħjar. Fr Anton Gouder issimpatizza magħna u qal li minn dakinhar li rċevew l-ittra għat-talba tagħna, niżżilna hu stess fil-lista ta' minn jeħtieġ art jew djar tal-knisja.

Fl-10 ta' Ottubru 2008, Louise Gusman u Rose Grech reġgħu kienu mistiedna biex jidħru fuq istazzjon tal-PBS fuq il-programm ta' Ray Calleja fejn Ms Gusman tat tagħrif siewi fuq is-servizzi li tagħti s-Soċjetá għal minn għandu l-MS.

Nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru s-Socjeta' giet mistiedna minn Charmaine Attard, Lecturer, biex membru jagħti l-esperjenza tagħha fuq l-MS għall-istudeni infermiera fl- isptar Mater Dei. Ms Rose Grech attendiet u irrispondiet diversi mistoqsijiet li staqsew l-istudenti. Charmaine Attard esprimiet il-ħtieġa li l-istudenti għandhom ikunu jafu u jifhmu minxiex jgħaddu l-pazjenti waqt it-tbatija li jġib il-mard ħalli juru aktar kompazzjoni mal-marid.

Ms Connie Carabott, membru tas-Soċjetá u rappreżentanta tas-Soċjetá tagħna fil-Malta Federation of Organisations for Persons with Diabilities tattendi regolarment għal-laqgħat li jsiru kull xahar. Ms Carabott intagħzlet biex tmur għal EDF Board meeting li sar f'Pariġi fil-15,16 ta' Novembru 2008. Connie serviet bħala assistenza ta' Ron Colombo li hu nieqes mid-dawl. Kollox kien imħallas mill-EDF European Disability Forum. L-għan kien biex l-EDF tressaq proposti fuq id-diżabilita' lil MEP's biex jivvutaw favur il-manifesto propost.

Nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2008 Louise Gusman, Rose Grech u Margaret Abela attendew għal-laqgħa ma' l-Onorevoli Mario Galea, Segretarju Parlamentari ghall-Anzjani u l-Komunita' fejn iddiskutew il-proposti mitlubgħa mis-Soċjetá rigward xi uħud mill-problemi li jintaqgħu magħhom ħafna mill-membri tagħna.

Is-Soċjetá talbet
a) biex min jbati bl-MS jibda' jirċevi għajnuna għall-penzjoni tal-mard bħal ma jirċievu dawk li jbatu bid-diabetes,etc;
b) għal Respite Centre għal persuni ta' bejn 25 u 50 sena bi problemi newrologici;
c) għal faċilita' biex persuna jkollha assitenza personali biex itaffu ftit mill-anzjeta' u stress biex iserħu ftit lil carers u li il-carers ikunu jistgħu jibqgħu jaħdmu b'moħħom mistrieħ meta l-personal carer qiegħed/qegħda tieħu ħsieb il-persuna bl-MS;
d) għajnuna biex il-gvern jgħin lis-Soċjetá biex tkun tista' iġġib kelliema barranin għal Konferenzi indirizzati għall-Multiple Sclerosis;
e) li l-gvern jgħin billi jibgħat il-fiżjioterapista, occupational therapist u speech therapist fid-djar tal-pazjenti speċjalment dawk li ma jistgħux joħorġu mid-dar;
f) biex il-gvern jinforza l-liġi ħalli jkun hemm aċċessibilta' għal kulħadd;
g) L-aħħar talba kienet il-ħtieġa kbira li s-Soċejta' wara ħdax il-sena mit-twaqqief tagħha, jixirqilha post fejn tkun tista' tiffunzjona aħjar.

L-Onorevoli Mario Galea niżżel nota ta' kull ma tlabnih u wegħdna li ser imexxi t- talbiet tagħna fejn jista'. Fuq ir-Respite Centre qal li hemm il-pjan li jinbena wieħed fil-futur. Ms Margaret Abela tkellmet fuq l-esperjenza tagħha u sostniet il-ħtieġa li jkun hawn Respite Centre, speċalment għaż-żagħżagħ biex jitgħallmu jintegraw ruħhom f'atmosfera familjari u ambjent żagħżugħ sabiex ikunu indipendenti.

Nhar l-Erbgha 3 ta' Diċembru, Rose Grech u Connie Carabott attendew għal-laqgħa ta'AGM tal-KNPD li saret fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Sta Venera fejn fost l-oħrajn ġew diskussi xi wħud mill-problemi li jiltaqgħu magħhom tul is-sena.

## Attivita' tal-Milied

Din is-sena fuq suġġeriment ta' wħud mill-membri tas-Soċjetá ħsibna biex għall-Milied norganiżżaw xi ħaġa speċjali. Għalhekk organizzajna 'Weekend Break' fil-lukanda San Antonio fil-Qawra li kienet milqugħa tajjeb mill-membri. Fit-13 ta' Diċembru iltqajna l-lukanda wara nofsinhar u bdejna attivita' ta' mistrieħ u fejn stajna nitkellmu fuq l-esperjenzi tagħna. Fil-għaxija morna għall-ikel fil-lukanda stess u wara għamilna lotterija fejn tellajna ħafna rigali, ipparteċipaw il-membri kollha tagħna u nies barranin li kienu qed jattendu għal-ikla fil-lukanda.

## Ringrazzjament lill-Benefatturi

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-benefatturi li matul is-sena li għaddiet għoġobhom jemmnu fina bħala Soċjeta' u jibgħatulna l-fondi ħalli inkomplu bil-ħidma tagħna.

Uħud mill-benefatturi huma dawn:

Chain SuperMarket
Il-Hospice Movement
Optika Limited
Mr & Mrs Lacey
Expressions Stationery
Simonds Farsons Cisk
British Home Stores
MCAST Administration
Mr Simon Soler (Hartons Ltd)
American International Women's Association
Park Tower SuperMarket
Mrs Kate Gonzi
Women's Association
Mr Jesmond Arpa tal-Five Printing Press
Pricewaterhouse Coopers
St Theresa College, Imrieħel.
St Anne's Clinic
Rev Father Joe Borg
Ms Mary Cassar
Palmyra Stationery
Marks & Spencer
Ms Moira Aloisio
Mr & Mrs Briffa
Familja Ordway
Mr & Mrs Jones (AIWA)
Ms Cettina Mallia
Global Executive Search LTD
Mr Raymond Buhagiar
Home & Gifts

Din il-ħarġa tant intlaqgħet tajjeb minn dawk kollha li ġew li xtaqu li nerġgħu nagħmluha għal xi okkażżjoni oħra. Is-Soċjeta' issussidjat parti mill-ispejjeż għall-membri bl-MS.

## Post għas-Soċjeta'

Kulħadd jaf li f'dawn fl-aħħar snin il-kumitat ħass il-bzonn is-Soċjetá jkollha post għalija. Rajna mill-inqas hamest idjar f'postijiet differenti, B'Kara, Marsa, Balzan, Blata il-Bajda u Santa Venera. Għalkemm l-ebda wieħed ma kien addattati għalin,a mhux se naqtgħu qalbna u ser inkomplu nfittxu.

## Ħidma Diversa

Matul din is-sena komplejna nżuru xi wħud mill-membri bl-MS li xtaquna inżuruhom ġo djarhom jew l-isptar. Nirringrazzjaw lil Manuel u Mary Buħaġiar għall-ġenerożita' u l-għajnuna tagħhom, kemm għal dawn iż-żjarat u kemm meta immorru naraw xi post għas-Soċjetá

Nixtiequ nirringrazzjaw li Alastair Farrugia, membru tas-Soċjetá. Alastair jieħu ħsieb il-website tagħna billi jtella' kull Bulettin ġdid li jkollna u jemenda xi tagħrif li nkunu irridu ngħaddu lil kulħadd. Huwa jirreġistra wkoll lil kull membru ġdid mas-Soċjetá fl-email group taghna sabiex ikun jista' jikkommunika mal-membri l-ohra.

Din is-sena, bl-għajnuna ta' Alastair u l-kuntatti li għamel, ordnajna l-banners għas-Soċjetá tagħna. Noel Gusman ħa ħsieb li l-banners jiġu pprintjati kif suppost bil-logo u l-kulur tas-Soċjetá.
Nixtiequ nirringrazzjaw lil Phyllis u Joe Tabone talli jieħdu ħsieb biex jibbukkjaw t-trasport għal kull attivita' li jkollha s-Soċjetá, kemm għall-laqgħat fil-Hospice kif ukoll għall-ħargiet li jkollna matul is-sena.

Minn hawn nirringrazzjaw kull wieħed u waħda mill-membri li taw l-għajnuna tagħhom volontarjament u mingħajr kumpens. Grazzi.

## Collecting Tins

Peress li xi tins insterqu jew intilfu, kellna nixtru aktar collection tins. Ms Louise Gusman ordnat collecting tins bi prezz tajjeb ħafna. Bl-għajnuna ta' Ms Josette Brincau u kollega tagħha, irnexxielna nagħmlu labels ġodda għal-dawn il-bottijiet u saħansitra biddilna l-labels tal-collecting tins li kellna qabel ukoll. Nirringrazzjaw lis-Segretarja Rose Grech talli tieħu ħsieb il-printing ta' kull ma jkollha bżonn is-Socjeta' billi tmur kull darba għand l-Istationery u tirranġa prezzijiet tajba.

## Bulettin

Matul din is-sena kellna żewġ ħarġiet tal-Bulettin. Il-Bulettin jirrikjedi x-xogħol u peress li ma kellniex editur, kellha tieħu l-kariga l-President Louise Gusman sakemm insibu membru li jista' jieħu l-editorjal f-idejh. Stefan Zammit kien jieħu ħsieb id-disinn u t-typesetting tal-Bulettin iżda ma setgħax ikompli jgħinha f'dan ir-rigward minħabba impenji ohra. Nixtiequ nirringrazzjaw li Stefan Zammit tax-xogħol li għamel dawn l-aħħar snin u nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil Mr Jesmond Arpa tal-Five Star Printing Press talli jogħogbu jipprintja il-Bulettin mingħajr ħlas. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Alastair Farrugia talli ħa ħsieb id-disinn u t-typesetting ta' l-aħħar bulettin.

## GĦeluq

Bħalma qegħdin taraw, din is-sena kienet impenjattiva ħafna. Kull membru tal-kumitat ta sehemu biex komplejna naħdmu għal din is-Soċjetá tagħna. Kellna sena mimlija ħidma kontinwa, ġiri u taħbit, inkwiet bla bżonn u anki theddid. Iżda qatt ma waqafna jew qtajna qalbna. Meta nkunu qed naħdmu għal kawża ġusta, xejn mhux se jbeżżana jew jehdidna anzi aktar iħeġġiegħna biex inkomplu naħdmu għal ġid ta' kull min ibati bl-MS. Hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil President Louise Gusman, għas-sagrifiċċji li tieħu u x-xogħol li tagħmel li ma jidhirx. Lil Mr Kenneth Muscat il-Vici President, lil Ms Eve Sammut Alessi t-Tezorier, lil Connie Carabott, lil Leslie Agius, lil Manuel u Mary Buħaġiar, lil Margaret Abela u kull min ta' sehmu biex inkomplu għaddejjin bil-impenji tagħna. J'alla il-Mulej jagħtina s-saħħa u l-għajnuna u s-sapport tagħkom sabiex inkomplu fil-ħidma li dħalna għaliha. Nixtieq kull suċċess għal futur għax b'hekk flimkien ilkoll, inkunu qed nagguraw il-ġid lil kull min jbati bl-MS biex intejbulhom il-kwalita' ta' ħajja.

**Ms Rose Grech, Segretarja**

**"A lie gets halfway around the world before the truth has a chance to put its pants on."**

**Winston Churchill (1874-1965)**

# Servizzi Issussidjati li Toffri is-Soċjetá

**Is-Servizz tal-Fiżjoterapija**

Kif kulħadd jaf, is-Soċjetá toffri dan is-servizz issussidjat għal-membri tagħha li dejjem qed jiżdiedu. Din is-sena, peress li kellna iżjed membri li xtaqu dan is-servizz, impjegajna magħna fiżjioterapista oħra, Jackie Mifsud. Ms Mifsud kienet ġa taħdem magħna qabel waqfet sabiex tkompli l-istudji taghha barra minn Malta. Peress li s-Soċjetá għandha tlett fiżjoterapisti li jagħtu s-servizz, u peress li irnexxielna inżidu l-fondi ghall-fiżjoterapija, din is-sena stajna naqdu lil kull membru bl-MS li talabna għal dan is-servizz u nqeda mill-ewwel hekk kif jibgħat certifikat li jikkonferma li għandhu/ha l-MS. Il-Kumitat jara kull proposta u jimxi mar-regoli stabiliti tas-Socjeta' u jittratta kull membru tal-MS bl-istess mod. Din is-sena inghataw 760 sessjoni ta' fizjoterapija.

**Is-Servizz ta' Speech Therapy**

Minn din is-sena ħassejna l-ħtieġa li inżiedu servizz ġdid, dak tas-Speech Therapy. L-Speech Therapy tista' tkun mitluba mill-fizjoterapisti tagħna jew mill-membri tagħna. Peress li dan is-servizz bdejnieh għal l-aħħar tas-sena, membru wieħed biss uża dan is-servizz.

**Is-Servizz tal-Psikoterapija**

Din is-sena komplejna bis-servizz ta' psikoterapija fejn għamilna sessjoni għal-grupp ta' membri li attendew għal-laqgħa ta' Dr David Parnis, Psikologist. Min hawn nirringrazzjawh ukoll tas-servizz li jagħti lil membri tagħna anka fuq sessjonijiet indiwidwali.

**Is-Servizz tal-Masseur**

Is-servizz tal-masseur kompla jigi issussidjat mis-Soċjetá. Ftit membri użaw dan is-servizz. Waħda mir-ragunijiet li dan is-servizz ma ntużax ħafna kien peress il-l-klinika kienet ftit il-bogħod. Kien hemm membru wieħed li uża dan is-servizz din is-sena.

Hawn nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil fizjoterapisti tagħna, Patricia O'Brien, Elaine Zammit u Jackie Mifsud; lil David Parnis, psikoterapista; lil Tonio Schembri il-masseur; u l-ispeech therapist, Ms Annalise Cilia, għas-servizz, għajnuna u dedikazzjoni kbira li dejjem jagħtu lil membri tagħna.

# Rapport Finanzjarju – Sena 2008

## ippreparat mit-Tezorier Ms Eve Sammut Alessi

L'accounts ippreparati kienu għadhom ma ġewx awditjati u għalhekk jista' jkun hemm xi tibdiliet aktar tard. Il-qliegħ għas-sena kien ta' €3,150 paragunat ma' €2,000 qliegħ irreġistrat fl-2007.

**Dħul**

Id-dħul prinċipali ġie mid-donazzjonijiet li ammontaw għal €8,117.
Il-benefatturi principali kienu:
€1,723 Pricewaterhouse Coopers
€1,450 Mr. Simon Soler
€ 618 Simonds Farsons Cisk
€ 489 Global Executive Search
€ 485 St. Teresa College
€ 477 Raymond Buhagiar
€ 466 American International Women's Assoc.
€2,410 40 donazjoni żgħira oħra
€5,707

Il-ġbir mill-'collection tins' laħaq is-somma ta' €1,690
Il-benefatturi principali kienu:
€ 399 British Home Stores
€ 380 Marks & Spencer
€ 286 Expressions Stationery
€ 145 Home & Gifts
€ 480 minn 9 postijiet oħra
€1,690

Il-ġbir mill-Membership Fees kien ta' €490, żieda ta' 75% fuq is-sena 2007.
Interessi fuq is-savings accounts tal-banek kien ta €919

Sussidji ohra ammontaw ghal €111
Parti min dan is-sussidju gew irrefonduti mill-ispiża tal-posta

**Attivitajiet**
Id-dħul mill-4 attivitajiet organizzati din is-sena kien ta' €4,471 u l-ispejjez diretti kienu ta' €3,397. Il-qliegħ ta' €1,075 intuża biex ġie issussidjat is-sehem tal-membri bl-MS, ħlas ta' l-ikel, trasport u fil-każ ta' San Antonio, parti mill-ispiża tal-kamra.

Waqt ċerta funzjonijiet, l-ispejjeż tal-mistiedna speċjali jitħallsu minn dan id-dħul. Dawn l-ispejjez laħqu €1,076 li jfisser li ma kien hemm l'ebda kontribuzzjoni għad-dħul tal-fondi.

**Ħruġ**
Sussidji għat- terapiji lil membri tas-Soċjetá
€5,687 760 sessjoni ta' fiżjo
€ 132 18 sessjoni tal-massaġġi
€ 70 3 sessionijiet psikoterapija
€ 62 Speech Therapy
€5,950 Total

**Konferenza barra minn Malta**
L-ispiża biex Alastair Farrugia u Joe Tabone marru l-Islanda kienet ta' €74. Dan għaliex kien baqa' €1,031 mis-sussidju li rċevejna mill-EMSP wara li tħallsu il-lukanda u l-ikel. Il-biljetti swew €1,105 li €618 minnhom tħallsu b'donazzjoni minngħand Farsons.

**Spejjeż Oħra**
€300 Rigali tal-Milied ghall-membri bl-MS li ma setgħux jattendu l-attivitá tal-Milied
€393 Posta
€393 Stationary (inkluż €211 għax-xiri ta' printer/ scanner/photocopier)
€468 Subscriptions
€138 Withholding tax fuq l-interessi
€363 Spejjeż Ġenerali

**Kontijiet tal-Banek**
€ 466 Flus fl-idejn
€ 131 Petty Cash
€ 12 Lombard Bank Curr. Account
€28,170 Lombard Savings Account
€15,000 Lombard Fixed Deposit Account
€ 12 HSBC Current Account
€ 4,235 HSBC Savings Account
€48,026 Total

€ 306 Pagamenti ghall-2009 bil-quddiem
€48,332 Total

**Imqassmin :- Riservi**
€33,151 Premises reserve fund
€ 916 Physio. reserve fund
€ 1,907 Psychoth. reserve fund
€ 9,208 General res. mill-2007
€ 3,150 Surplus għal 2008
€48,332 Total

## Il-Kumitat il-Ġdid

Ms Louise Gusman, President
Ms Rose Grech, Segretarja
Ms Mary Buħaġiar, Membru
Ms Connie Carabott, Membru
Ms Margaret Abela, Membru
Mr Kenneth Muscat, Viċi President
Ms Eve Sammut Alessi, Teżorier
Mr Emanuel Buħaġiar, Membru
Ms Karen Dimech, Membru

## Konferenza tal-European Multiple Sclerosis Platform f'Rekjavik – L-Islanda.

Is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Mejju, 2008




Il-kumitat ta' l-EMSP

Is-Sibt kien hemm diskussjonijiet minn diversi kelliema. Waħda mil-kelliema tkellmet fuq "Intelligent Homes for the Chronically Ill" u f'intervent għidt li dawn l-affarijiet kollox tajjeb u jien għamilt ħafna minn dawn; imma l-finanzi ma jippermettux li tagħmel kollox, speċjalment meta tkun taħdem u ma tkunx intitolat għal ċertu għajnuna. Wara tkellem Peter Anderberg ta' Sweden fuq "Personal Assistance" u "Key to Independent Living" u din kienet diskussjoni tajba ħafna.

Meta tkellem Professor David Bates, UK, semma' l-Beta Interferon, u l-Avonex mhux daqstant. Peress li marti tieħu l'Avonex wara l-konferenza staqsejtu x'jaħseb fuqhom u liema l-aħjar. Qalli "To tell you the truth none of them, but on the other hand there's still an infection, so I suggest the Beta Interferon." Meta staqsejtu fuq il-Metapreth qalli biex toqogħod attenta minħabba l-għadam tal-"hips".

Wara l-konferenza ħaduna nieklu f'restaurant mil-isbaħ jismu "Pearl Restaurant" u kellna dinner mil-aqwa. Minn fuq ir-restaurant tara il-belt ta' Rekjavik kollha tahtek, peress li r-restaurant idur bil-mod.

Il-Ħadd kien hemm diversi workshops; jien attendejt għal "Workshop 2" li kien fuq "Support of carers and others". Tkellimt fuq il-"Personal Assistance" li għandha Sweden u kemm nixtieq li tidħol Malta għax kieku ħadd ma jbati u tkellimt fuq l'esperjenza tiegħi fil-ħajja ta' kuljum u kemm hija diffiċli li tkun "carer" li taħdem fl-istess ħin. Fl-aħħar, ġurnalisti li attendew il-workshops taw il-punti kollha li ħarġu mil-workshops. Wara sar l-għeluq.

Din l-esperjenza għamilt ħafna ħbieb ġodda u wara l-workshops ħafna qaluli li tkellimt tajjeb u biex inkellem lill-MEPs ta' Malta fuq il-"Personal Assistant". Imbagħad żorna lill-President ta' l-Islanda u wara d-diskors tal-President u 'photcall' dorna mad-dar. L-aħħar ħarġa tal-Ħadd kienet dawra ma' Rejkjavik.

Din kienet esperjenza li ma ninsa qatt u nixtieq nirringrazzja lil kull min għinna immorru speċjalment lil Presidenta Mrs Louise Gusman, il-kumitat u l-membri kollha u lis-Sur Noel Gravina ta' l-"Air Malta" u Farsons Cisk Ltd.

Joe Tabone (ir-rapport ta' Alastair Farrugia jidher fil-ħarġa li jmiss)

**Editur:** Sandy Portelli, Louise Gusman
**Typesetting u diżinn:** Alastair Farrugia
**Mitbugħ:** Mr Jesmond Arpa, Five Star Printing Ltd.

**Multiple Sclerosis Society of Malta**
**Address:** PO Box 63, B'Kara
BKR1000
**Tel:** (356) 21 416 206
(356) 21 496 352
**E-mail:** MaltaMS@gmail.com
**Website:** www.msmalta.org.mt